

It-Tnejn u Tletin Ħadd tas-Sena

# Aħbar Tajba

Għerf 6, 12-16
S 62 (63), 2.3-4.5-6.7-8
1 Tess 4, 13-18
Mt 25, 1-13

## “Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!”

F’dawn l-aħħar xhur rajna jseħħu madwar id-dinja ħafna diżastri naturali. Irma u Maria kienu żewġ uragani kbar li laqtu l-Amerka. Kellna terremoti fil-Messiku u anki ftit ’il bogħod minna fl-Italja. Niżlet ħafna xita f’daqqa li għamlet ħafna ħsara f’diversi postijiet fl-Ewropa minkejja n-nixfa u s-sħana kbira ta’ dan is-sajf. Sfortunatament dan wassal biex ħafna nies tilfu ħajjithom. Imma smajna wkoll bi stejjer ta’ nies li għax kienu ppreparati sew, skansaw milli jitilfu ħajjithom. Kien hemm diversi stati Amerikani li ppreparaw lin-nies sew ħalli ma jħallux għall-aħħar xħin ikun tard wisq biex isibu kenn. Kif ngħidu bil-Malti: “Bniedem avżat nofsu armat!”

Imma tajjeb inżommu f’moħħna li mhux biżżejjed inkunu nofsna armati. Jekk jista’ jkun narmaw ruħna b’mod sħiħ u allura hawn għandna xi ideat biex tkun ippreparat.

1. Kif diġà semmejna, l-ewwel hu importanti li tkun avżat – infurmat – ħalli meta jiġi xi għawġ tkun taf xi trid tagħmel biex issalva.

2. Ikollok pjan: Jista jkun li jinqala’ xi ħaġa u tintilef minn ma’ dawk li jieħdu ħsiebek. Allura tajjeb li jkollok pjan x’se tagħmel f’dan il-każ – iċċempel lil xi ħadd jew tiftiehem post fejn tiltaqa’ mal-oħrajn jekk tinfirdu.

3. Iżżomm *survival kit* fuqek: Dawn huma xi affarijiet li tista’ ssib utli – ilma, ikel, *first aid kit*, xemgħat jew *torch*, kutri... forsi ftit tinduna imma ħafna minn dawn l-affarijiet il-ġenituri diġà ħasbu għalihom. Qatt indunajt li kif jinqata’ d-dawl f’daqqa waħda d-dar tkun mixgħula bix-xemgħat jew il-lampi?

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù qed jurina kemm hu importanti li nkunu ppreparati, mhux biss għall-affarijiet li jinqalgħulna fid-dinja imma biex inkunu lesti għall-ħajja ta’ wara din. L-għarus tal-parabbola tagħna hu s-Sinjur Alla li fl-aħħar ta’ ħajjitna se jeħodna għal festa kbira li ma tispiċċax. Imma mhux kulħadd ikun lest biex imur miegħu. Fil-parabbola niltaqgħu mal-għarajjes li ma kellhomx żejt u dawn spiċċaw tilfu ċ-ċans tagħhom li jmorru għal din il-festa.

Ġesù qed jgħidilna li x-xewqa tiegħu hi li meta jiġi jħabbtilna jsibna lesti. Ejjew nitolbuh jgħinna u fl-istess ħin nagħmlu l-almu tagħna biex inħejju ruħna sew.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

SALTNA, SMEWWIET, GĦAXAR, XEBBIET, BOLOH, GĦAQLIN, IMSIEBAĦ, ŻEJT, ISHRU

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ġ | E | S | Ù | A | P | P | O | S | T |
| L | I | D | I | M | S | IE | B | A | Ħ |
| X | Ż | E | J | T | B | E | T | L | E |
| M | GĦ | A | R | U | S | I | M | E | H |
| U | Ħ | A | B | B | A | T | B | IE | B |
| N | S | M | E | W | W | IE | T | K | U |
| GĦ | A | X | A | R | GĦ | A | L | Q | S |
| A | L | E | S | I | N | J | U | R | I |
| Q | T | B | O | L | O | H | T | Ħ | F |
| L | N | B | S | I | A | N | L | I | I |
| I | A | IE | N | J | U | R | K | U | S |
| N | Ħ | T | N | A | U | T | IE | Ġ | H |
| I | X | T | R | U | F | E | S | T | R |
| N | A | Z | A | R | E | T | N | A | U |



**"Ishru, mela, għaliex la tafu l-jum**
u lanqas is-siegħa."




# Il-Kewkba li ddiet

STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA

Dan l-Avvent ejja magħna
fi vjaġġ wara kewkba speċjali
li se tlaqqagħna ma' sultan ġdid.
Kuljum se timxi pass ieħor
fl-istorja li bidlet id-dinja.

Ibagħtilna email fuq
info@mediacentre.com.mt
**€1** VAT inkluża
jew ċemplilna fuq
2569 9100

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




## AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq
Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ
kull ġimgħa u jitqassam
fil-parroċċi kollha
ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100
jew ibgħatilna email fuq
info@sayitmalta.com

**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION